**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Mejju 2025**

**Avviz Numru: 222/2022 MLF**

**Aegis Corporate Services Limited**

**vs**

**Miklos Tihamer Tuzson**
**Peter Tuzson**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tas-socjeta Aegis Corporate Services Limited fejn talbet li l-konvenuti jigu ikkundannati ihallasuha s-somma ta' sebat elef mitejn tmienja u hamsin Ewro (€7,258.00), rapprezentanti l-bilanc ta' pagamenti dovuti lis-socjeta attrici mill-konvenuti a bazi tal-fattura numru 2018497 datata d-disa u ghoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018), fattura numru 2018596 datata t-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fattura numru 2019179 datata s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), fattura numru 2020287 datata l-ewwel (1) t' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u fattura numru 2020394 datata d-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) annessi mar-rikors promotur u mmarkati bhala Dok A sa Dok E rispettivament. Dan l-ammont huwa dovut lis-socjeta attrici bhala pagamenti ghal *corporate services u company administration* provduti mis-

socjeta attrici lill-konvenuti, liema servizzi gew terminati fis-sena elfejn u ghoxrin (2020).

Salv provedimenti ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi. Bl-ispejjez u imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

2. Rat li l-konvenuti ma dehrux fis-seduta tal-11 ta' Frar 2025, ghalkemm kienu debitament notifikati, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezentaw risposta.

3. Semghet ix-xhieda ta' Dr Cedric Mifsud – direttur tas-socjeta attrici - fl-istess seduta.

4. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti esebiti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Mix-xhieda ta' Dr Cedric Mifsud, direttur tas-socjeta attrici, u d-dokumenti ezebiti jirrizulta li l-ammont pretiz huwa dovut in konnessjoni ma' *corporate services* u *company administration* provduti mis-socjeta attrici lill-konvenuti. Dawn is-servizzi gew terminati fis-sena 2020 stante li l-konvenuti baqghu inadempjenti fil-hlas, nonostante diversi interpellazzjonijiet li sarulhom mis-socjeta attrici. Dawn il-varji servizzi huma indikati fil-fatturi ezebiti mill-istess socjeta attrici. Dr Mifsud ikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz fir-rikors promotur kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

6. Il-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta tal-Qorti, minkejja li kienu debitament notifikati. Huma ma ipprezentawx risposta u lanqas resqu provi.

7. Ix-xhieda ta' Dr Cedric Mifsud ma hija bl-ebda mod kontradetta mill-provi, u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita ta' din ix-xhieda u tad-dokumenti ezebiti in sostenn tat-talba.

**Konkluzjoni**

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' sebat elef mitejn tmienja u hamsin Ewro (€7,258.00) lis-socjeta attrici, bl-imghax mill-24 ta' Frar 2023 – id-data tan-notifika tal-konvenut Miklos Tihamer Tuzson, li gie notifikat l-ahhar – sad-data tal-pagament effettiv.

2. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**